



**Falliment ta' impriża u dritt tal-ħaddiema: fil-każ ta' trasferiment ta' assi fil-kuntest ta' proċedura ta' pre-pack, iċ-ċessjonarju għandu d-dritt li jidderoga miż-żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema, jekk din il-proċedura tkun irregolata minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji**

Il-grupp Heiploeg (iktar 'il quddiem "Ex Grupp Heiploeg") kien kompost minn diversi kumpanniji attivi fil-qasam tal-kummerċ bl-ingrossa ta' ħut u ta' frott tal-baħar. Matul is-snin 2011 u 2012, l-Ex Grupp Heiploeg akkumula telf finanzjarju sostanzjali u, fl-2013, ġiet imposta fuq erba' mill-kumpanniji tiegħu multa ta' EUR 27 miljun talli pparteċipaw f'akkordju. Peress li l-ebda bank ma aċċetta li jffinanzja din il-multu, inbdiet proċedura ta' pre-pack.

Fid-dritt Olandiż, il-pre-pack hija Prattika ta' orijini ġurisprudenzjali li għandha bħala għan li tippermetti, waqt il-proċedura ta' falliment, likwidazzjoni tal-impriża avvjata (going concern) sabiex il-kredituri jiġu ssodisfatti bl-aħjar mod u sabiex kemm jista' jkun jinżamm l-impjeg. It-tranżazzjonijiet ta' bejgħ tal-impriża kollha jew parti minnha, huma organizzati, fil-kuntest ta' din il-proċedura, minn "kuratur prospettiv", li l-missjoni tiegħu hija ddeterminata mill-qorti kompetenti li taħtru u mill-indikazzjonijiet pprovduti minn din tal-aħħar jew mill-"imħallef superviżur prospettiv" maħtur minn din l-istess qorti għal dan il-għan u taħt il-kontroll li taħtu jitqiegħed. Fil-każ ta' proċedura sussegwenti ta' insolvenza, din il-qorti tikkontrolla jekk dawn il-persuni jkunux segwew l-indikazzjonijiet kollha li ngħatawlihom u, jekk dan ma jkunx il-każ, jaħtru persuni oħra bħala kuratur u imħallef superviżorju fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-falliment.

F'dan il-kuntest, f'Jannar 2014, fuq talba tal-Ex Grupp Heiploeg, il-qorti kompetenti ħatret żewġ "kuraturi prospettivi" u "imħallef superviżur prospettiv". Fl-istess xahar, l-Ex Grupp Heiploeg ġie ddikjarat fallut u dawn l-istess persuni nħatru, rispettivament, bħala kuraturi u imħallef-superviżorju.

Żewġ kumpanniji Olandiżi (iktar 'il quddiem "Heiploeg il-Ġdida"), irreġistrati fir-Reġistru tal-Kummerċ fil-21 ta' Jannar 2014, ħadu l-parti l-kbira tal-attivitajiet kummerċjali tal-Ex Grupp Heiploeg abbażi ta' ftehim ta' ċessjoni tal-assi. Skont dan il-ftehim, Heiploeg il-Ġdida ħadet il-kuntratti ta' xogħol ta' madwar żewġ terzi tal-impjegati tal-Ex Grupp Heiploeg sabiex huma jeżerċitaw l-istess xogħol, għalkemm b'kundizzjonijiet inqas favorevoli.

Il-Federatie Nederlandse Vakbeweging (FNV) (il-Federazzjoni tal-Moviment Sindakali Olandiż) appellat mis-sentenza li tiddikjara l-falliment tal-Ex Grupp Heiploeg. Dan l-appell ġie miċħud minħabba li dan il-falliment kien sar inevitabbli u, abbażi ta' dan il-fatt, deroga għaż-żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriża hija applikabbli f'dan il-każ. Konsegwentement, Heiploeg il-Ġdida ma tkunx marbuta mal-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjeg applikabbli qabel it-trasferiment.

Skont id-Direttiva 2001/23<sup>1</sup>, intiża li tipproteġi lill-ħaddiema b'mod partikolari sabiex tiżgura ż-żamma tad-drittijiet tagħhom fil-każ ta' trasferiment ta' impriża, tliet kundizzjonijiet għandhom jiġu

<sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriża, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2001/23"), Artikolu 5(1).

ssodisfatti sabiex din id-deroga tkun applikabbli: iċ-ċedent għandu jkun is-suġġett ta' proċedura ta' falliment jew ta' proċedura ta' insolvenza analoga, liema proċedura għandha tinfetaħ bil-għan tal-likwidazzjoni tal-assi tiegħu u għandha taqa' taħt il-kontroll tal-awtorità pubblika kompetenti (jew ta' amministrazzjoni awtorizzata minn tali awtorità).

L-FNV ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi I-Baxxi), fejn sostniet li, għall-kuntrarju, din id-deroga ma kinitx applikabbli fil-każ ta' proċedura ta' *pre-pack* u li, minħabba dan il-fatt, il-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-persunal meħud għandhom jinżammu.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari minn din il-qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li, fil-każ ta' trasferiment ippreparat fil-kuntest ta' proċedura ta' *pre-pack*, bħal dik f'din il-kawża, u suġġett għall-fatt li tali proċedura tkun irregolata minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji, iċ-ċessjonarju għandu, bħala prinċipju, id-dritt li jidderoga miż-żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema <sup>2</sup>.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, fir-rigward tal-kundizzjoni intiża għall-ftuħ tal-proċedura ta' falliment jew ta' proċedura ta' insolvenza analoga bil-għan tal-likwidazzjoni tal-assi taċ-ċedent <sup>3</sup>, li, f'dan il-każ, l-insolvenza taċ-ċedent hija inevitabbli u li kemm il-proċedura ta' falliment kif ukoll il-proċedura ta' *pre-pack* li ppreċedietha kienu jipprevedu l-likwidazzjoni tal-assi taċ-ċedent, li kienet għet iddikjarata. It-trasferiment tal-impriża twettaq ukoll waqt din il-proċedura ta' falliment.

L-għan tad-deroga għaż-żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema hija li teskludi r-riskju serju ta' deterjorament tal-valur tal-impriża ttrasferita jew tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tal-ħaddiema, filwaqt li dik tal-proċedura ta' *pre-pack* segwita minn proċedura ta' falliment hija li tikseb ir-rimbors l-iktar għoli possibbli għall-kredituri kollha u li jinżamm l-impjeg sa fejn hu possibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li l-użu ta' proċedura ta' *pre-pack*, għall-finijiet tal-likwidazzjoni ta' kumpannija, jseħħ sabiex jiżdedu l-opportunitajiet ta' sodisfazzjon tal-kredituri. Konsegwentement il-proċeduri ta' *pre-pack* u ta' falliment, meħuda flimkien, jistgħu jitqiesu li huma intiżi għall-likwidazzjoni tal-impriża fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/23, suġġett għall-fatt li l-*pre-pack* tkun irregolata minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit ta' ċertezza legali.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-proċedura ta' *pre-pack* inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' titqies li għet implimentata taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika kompetenti, kif mitlub mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/23, suġġett għall-fatt li tali proċedura tkun irregolata minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji. Fil-fatt, il-“kuratur prospettiv” u l-“imħallef superviżur prospettiv” jinħatru mill-qorti kompetenti għall-proċedura ta' *pre-pack*, li tiddefinixxi l-funzjonijiet tagħhom u tipproċedi, waqt il-ftuħ sussegwenti tal-proċedura ta' falliment, għal kontroll tal-eżerċizzju ta' dawn il-proċeduri, billi tiddeċiedi jekk taħtarx jew le, bħala kuratur u bħala mħallef superviżorju tal-proċedura ta' falliment, dawn l-istess persuni.

Barra minn hekk, it-trasferiment ippreparat matul il-proċedura ta' *pre-pack* jitwettaq biss wara l-ftuħ tal-proċedura ta' falliment, il-kuratur u l-imħallef superviżorju jistgħu jirrifjutaw li jipproċedu għal din iċ-ċessjoni jekk iqisu li dan imur kontra l-interess tal-kredituri taċ-ċedent. Jingħad ukoll li, il-“kuratur prospettiv” mhux biss għandu jirrapporta l-ġestjoni tiegħu tal-fażi preparatorja fir-rapport ta' falliment, iżda jista' wkoll jinżamm responsabbli bl-istess kundizzjonijiet bħall-kuratur tal-falliment.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità

---

<sup>2</sup> Dawn huma d-drittijiet previsti fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2001/23. L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jirrigwarda t-trasferiment tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' xogħol li jorbtu liċ-ċedent maċ-ċessjonarju, filwaqt li l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 jipprojbixxi t-tkeċċija tal-ħaddiema għal raġuni unika ta' trasferiment.

<sup>3</sup> F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel distinzjoni bejn il-proċedura ta' *pre-pack* inkwistjoni u dik fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2017, *Federatie Nederlandse Vakvereniging et., C-126/16*, (ara ukoll [Stqarrija Nru 70/17](#)), fejn indikat li din tal-aħħar ma kinitx intiża għall-likwidazzjoni tal-impriża kkonċernata.

ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*